



2020/2265(BUI)

26.2.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-Linji gwida għall-Baġit 2022 – Taqsima III
(2020/2265(BUI))

Rapporteur għal opinjoni: Isabel García Muñoz

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi s-settur tat-trasport tal-UE huwa essenzjali għall-kompetittività, l-iżvilupp ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni, għas-sostenibbiltà tagħha, kif ukoll biex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-konnettività territorjali tar-reġjuni kollha tal-UE, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni periferiċi, rurali, insulari u ultraperiferiċi u għal żoni oħra ġeografikament żvantaġġati;
- B. billi t-trasport se jkun kruċjali biex ikollna newtralità klimatika minn hawn u l-2050; billi hemm bżonn biżżejjed investiment immirat biex isir progress lejn it-tranżizzjoni ekoloġika fis-settur u biex titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti f'konformità mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku u l-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll lejn it-tranżizzjoni diġitali billi jiġu żgurati l-oġhla livell u prestazzjoni tal-infrastruttura diġitali u tiġi żgurata l-preżenza ta' faċilitaturi diġitali essenzjali;
- C. billi t-turiżmu huwa settur essenzjali għall-ekonomija tal-UE, huwa r-raba' l-akbar industrija tal-esportazzjoni tagħha u għandu rwol importanti għall-ekonomija, il-kompetittività, l-impjiegi u l-promozzjoni tal-benessri soċjali tal-UE;
- D. billi s-setturi tat-trasport u t-turiżmu u l-impjiegi ġġenerati minnhom huma fost dawk li ntlaqtu l-aġġar mill-kriżi reċenti tal-COVID-19, partikolarment minħabba r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu introdotti fl-2020, li kellhom impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern; billi l-irkupru tas-setturi tat-trasport u t-turiżmu huwa kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, kif ukoll għall-konnettività, il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE; billi t-trasport wera ruħu fundamentali biex jiġi żgurat il-fluss kontinwu ta' prodotti fl-UE kollha waqt il-kriżi u se jkun tal-akbar importanza fid-distribuzzjoni tal-vaċċin kontra l-COVID-19;
- E. billi l-oġġettiv "Viżjoni Żero" tal-UE jistabbilixxi l-mira li sal-2030 l-imwiet fit-toroq jitnaqqsu b'50 % u sal-2050 ma jkun hemm l-ebda fatalità; billi l-investimenti fis-sikurezza fit-toroq jikkostitwixxu element ewlieni tal-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku dwar is-Sikurezza fit-Toroq tal-UE; billi l-għadd persistentement għoli ta' fatalitajiet fit-toroq jissuġġerixxi li għandu jkun hemm aktar investiment biex tiġi ggarantita s-sikurezza tat-toroq u ta' min jużahom;
1. Jitlob tisħiħ fl-azzjonijiet meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal newtralità klimatika minn hawn u l-2050; jitlob, għalhekk, biżżejjed finanzjament għall-proġetti, l-oġġettivi u l-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti – f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji tal-Patt Ekoloġiku u mal-Ftehim ta' Pariġi – u, b'mod partikolari, biex jiżded l-appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet ta' mobilità intelliġenti u sostenibbli, inkluż b'żieda fil-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils alternattivi, flimkien ma' punti tal-iċċarġjar, kif ukoll fi proġetti infrastrutturali sostenibbli, fosthom fl-infrastruttura meħtieġa għall-monitoraġġ tat-tniġġis tal-arja b'rabta mal-attività tat-trasport, filwaqt li tiġi ppreservata n-newtralità teknoloġika; jenfasizza li din l-Istrateġija għandha tikkontribwixxi biex jitjiebu l-attrawenza, l-effiċjenza u l-kapaċità tas-sistemi tat-trasport pubbliku, anke permezz ta'

sistemi ta' ħruġ ta' biljetti innovattivi; jenfasizza li l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti hija tal-akbar importanza biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti; jilqa' l-ftehim tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) dwar sistema ta' riżorsi proprji aktar sempliċi, aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati li tqis il-prijoritajiet tal-UE, partikolarment l-ambizzjonijiet ambjentali u diġitali tagħha;

2. Itenni li t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika għandha tkun ġusta, inklużiva u nondiskriminatorja sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema, in-negozji u l-SMEs tas-settur tat-trasport ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għal din it-tranżizzjoni u jingħata appoġġ lill-aktar reġjuni u komunitajiet affettwati; iqis li hu importanti li jiġi allokat finanzjament xieraq favur dan il-proċess ta' aġġustament – filwaqt li jiġu promossi standards soċjali oġhla f'dan is-settur – kif ukoll favur it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u t-taħriġ professjonali tal-ħaddiema tas-settur f'kompetenzi u ħiliet ġodda għal prospetti u rekwiżiti ġodda fil-qasam tal-impjiegi; jenfasizza li dan e jgħin biex tiżdied l-attrazzjoni tas-settur u jiġu indirizzati t-tixjiħ tal-forza tax-xoġhol, ir-rappreżentanza tan-nisa u n-nuqqas ta' ħaddiema;
3. Jappella għal baġit ambizzjuż għas-setturi tat-trasport u t-turiżmu tal-UE; iqis li l-finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) kif deċiż għall-QFP 2021-2027 mhuwiex biżżejjed għall-ħtiġijiet u l-isfidi tas-settur; jenfasizza li l-FNE hija l-istrument prinċipali għall-finanzjament tal-iżvilupp ta' infrastruttura bl-oġhla valur miżjud għall-UE f'termini ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u konnettività, partikolarment fir-rigward tal-konnessjonijiet transkonfinali u l-konnessjonijiet neqsin, u għall-integrazzjoni tal-Patt Ekoloġiku u l-objettivi diġitali filwaqt li titrawwem il-kompetittività; itenni r-rwol kruċjali tal-FNE fl-iżvilupp u t-tlestija f'waqtha ta' network trans-Ewropew (TEN-T) ta' prestazzjoni għolja, li jkun sostenibbli, sikur, multimodali, interoperabbli u interkonness fl-oqsma tal-infrastruttura tat-trasport, l-enerġija u s-servizzi; itenni li finanzjament xieraq għall-proġetti tat-trasport se jkun strumentali biex l-irkupru tiegħu jingħata spinta u biex titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti;
4. Jinnota b'dispaċir it-tnaqqis qawwi fl-allokkazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE għat-trasport fl-2021; jitlob li l-baġit għall-2022 jerġa' jistabbilixxi l-finanzjament fil-livell li kien fl-2020 b'tali mod li jirrifletti r-rwol kruċjali tal-politika tat-trasport u l-investment tal-Unjoni fit-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika fl-Unjoni, partikolarment permezz tat-tlestija tan-networks ewlenin u komprensivi tat-TEN-T; jitlob, għalhekk, li l-finanzjament tat-TEN-T jinżamm bħala parti mill-politika ta' koeżjoni, inkluż il-komponent ta' appoġġ għall-iżvilupp u l-modernizzazzjoni ta' konnessjonijiet sekondarji, reġjonali u lokali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jissaħħaħ l-investment fil-konnettività tar-reġjuni periferiċi u ultraperiferiċi;
5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-finanzjament għall-programm InvestEU meta mqabbel mat-talbiet tal-Parlament minħabba r-rwol tal-programm fit-trawwim ta' infrastruttura sostenibbli u sikura; jiddeplora, barra minn hekk, it-tnaqqis konsiderevoli sussegwenti ta' aktar minn 40 % (f'approprjazzjonijiet ta' impenn) fil-finanzjament għall-baġit annwali tal-InvestEU mill-2020 għall-2021; jilqa', madankollu, l-inkorporazzjoni tat-tieqa ta' politika tal-infrastruttura sostenibbli, li tipprovdi opportunitajiet ta' investment ewlenin għal infrastruttura tat-trasport sostenibbli u sikura, soluzzjonijiet ta' mobilità u

tagħmir u għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi; jitlob li l-investimenti fis-settur tat-trasport, partikolarment dawk ifffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, iqisu kif dovut il-prijoritajiet ambjentali definiti fiha b'mod ċar;

6. Itenni l-bżonn li tiġi promossa tranżizzjoni ġusta filwaqt li jsir progress lejn mobilità sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti li tkun affordabbli u aċċessibbli għar-reġjuni u l-passiġġieri kollha; jissottolinja r-rwol kruċjali tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku fil-qafas tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, bħala mezz biex jiġu kkompensati l-ispejjeż tat-tranżizzjoni enerġetika, permezz ta' investiment f'infrastruttura tat-trasport u tat-turiżmu sikura u sostenibbli fl-aktar reġjuni affettwati mill-isfidi tat-tranżizzjoni, bħaż-żoni rurali u skarsament popolati, ir-reġjuni żvantaġġati u t-territorji ambjentalment vulnerabbli, kif ukoll għall-passiġġieri kollha, inklużi dawk b'diżabilità u b'mobilità mnaqqsa;
7. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tixpruna r-riċerka u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u sostenibbli fit-trasport sabiex tikkontribwixxi għal servizzi ta' mobilità sostenibbli; jenfasizza li l-programmi ta' riċerka tal-UE, bħall-FNE, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u InvestEU, se jkunu kruċjali għall-introduzzjoni ta' dawn it-teknoloġiji;
8. Jappella għal evalwazzjoni tal-impatti potenzjali ta' fond speċifiku ffukat fuq in-networks tat-trasport tar-reġjuni ultraperiferiċi – fond POSEI għas-settur tat-trasport – meta mqabbel mal-mudell ta' finanzjament attwali;
9. Iqis li t-tiġib fil-manutenzjoni ta' network jikkontribwixxi għall-effiċjenza u l-kontinwità bla xkiel tiegħu, itejjeb is-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, u b'hekk ir-reżiljenza tal-infrastruttura tat-TEN-T, filwaqt li jtejjeb ukoll is-sikurezza fit-toroq b'enfasi partikolari fuq l-utenti vulnerabbli tat-triq, bħall-persuni li jkunu miexja, iċ-ċiklisti, is-sewwieqa ta' muturi u mopeds u utenti oħra tal-mikromobilità; jinnota, b'mod partikolari, l-importanza li tiġi indirizzata u aġġornata l-infrastruttura eżistenti b'riskju għoli, speċjalment is-segmenti tan-network li qed jiġdiemu u dawk sottożviluppati; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita u tinċentivizza l-investimenti fil-manutenzjoni tan-network u timplimenta pjan ta' monitoraġġ tan-network ewlieni dwar il-manutenzjoni fil-livell Ewropew bil-ħsieb li tiġi żgurata konnettività bla xkiel fit-territorji kollha fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lir-reġjuni fejn ġew identifikati sfidi partikolari fil-manutenzjoni tan-network u ttiprovdi appoġġ konsultattiv, tekniku u finanzjarju lill-awtoritajiet rilevanti;
10. Jiddeplora t-tnaqqis drastiku ta' 75 % fil-finanzjament tal-mobilità militari taħt il-pilastru tat-trasport meta mqabbel mal-pjan ta' azzjoni inizjali ta' Marzu 2018, li b'hekk inaqqas b'mod konsiderevoli l-ambizzjoni ta' dan l-oġġettiv strateġiku ġdid li għandu l-għan li jadatta partijiet min-networks TEN-T għal użu doppju tal-infrastruttura tat-trasport bil-ħsieb li tittejjeb kemm il-mobilità ċivili kif ukoll dik militari;
11. Itenni l-bżonn li ssir riflessjoni dwar metodi kif jiġu promossi modi ta' trasport sostenibbli, inkluż permezz ta' inċentivi baġitarji, billi jitqies l-eżempju tal-inizjattiva tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji 2021; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, f'dan ir-rigward, tagħti kontinwità lill-2021 bħala s-Sena Ewropea tal-Ferroviji u tkompli tippromwovi r-rivitalizzazzjoni ta' ferroviji ta' billejl komdi fl-Ewropa bħala alternattiva possibbli u

sostenibbli għal titjiriet qosra u vjaġġi bil-karozza fuq distanzi twal filwaqt li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta bejn il-modi kollha ta' trasport u bejn l-operaturi pubbliċi u privati; ifakkar fil-proposta tal-Parlament biex l-2022 tintgħażel bħala s-"Sena Ewropea tal-Bliet Aktar Ekoloġiċi", li tista' tkun opportunità biex tiġi promossa mobilità urbana sostenibbli u intelliġenti;

12. Itenni t-talba urġenti u ripetuta tal-Parlament għall-ħolqien ta' programm speċifiku dwar it-turiżmu sostenibbli fil-livell Ewropew u linja baġitarja speċifika b'allokazzjoni konformi mal-bżonnijiet tas-settur; jenfasizza li dan ikun ta' għajna biex dan is-settur – li għandu rabtiet qawwjin mat-trasport – jirkupra mill-kriżi tal-COVID-19, u jkun l-ewwel pass biex jitjiebu l-politiki tat-turiżmu tal-UE għall-benefiċċju tal-oġettivi tal-Unjoni dwar l-ekonomija, il-kompetittività, l-impjiegi, l-iżvilupp soċjali u l-ambjent kif ukoll biex jiżded l-għadd ta' impjiegi lokali, permanenti u ta' kwalità fis-settur; jilqa' l-fatt, f'dak ir-rigward, li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri nediet awditu biex tivvaluta l-proġetti tat-turiżmu li bbenefikaw minn kofinanzjament ta' EUR 6,4 biljun fil-perjodu 2007-2013 u EUR 4 biljun s'issa fil-perjodu 2014-2020 mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni;
13. jitlob li l-finanzjament tal-aġenziji tat-trasport u l-impriżi konġunti Ewropej ikun allinjat mal-livell ta' responsabbiltà tagħhom u r-rwol li għandhom bħala atturi ewlenin fit-tranżizzjoni lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-modi ta' trasport; jiddeplora, b'mod partikolari, it-tnaqqis sinifikanti fil-baġit tal-Aġenzija tal-UE għall-Ferroviji (ERA) u jfakkar fir-rwol tagħha, flimkien ma' dak tal-Impriża Konġunta Shift2Rail, biex ikun hemm bidla permanenti mit-triq għall-ferrovija u progress fl-istabbiliment taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea; jitlob li l-baġit tal-Aġenzija għall-2022 jiżded għal, tal-anqas, il-livell tiegħu fl-2020; ifakkar, bl-istess mod, fl-ammont ta' xogħol sinifikanti ġġenerat għall-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-UE (EASA) mill-investigazzjonijiet dwar il-Boeing 737 Max, u r-rwol li tiżvolġi l-Aġenzija – flimkien mal-Impriżi Konġunti Clean Sky 2 u SESAR – fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ għal kull passiġġier; jirrikonoxxi wkoll il-kontribut importanti tal-EASA, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, fir-rigward tal-impatt immedjat u fit-tul tal-Brexit fil-qasam tal-avjazzjoni, kif ukoll il-kontribut tagħha lejn ritorn sikur u b'saħħtu għall-operazzjonijiet tal-avjazzjoni bil-konklużjoni tal-Protokoll dwar is-Sikurezza tas-Saħħa tal-Avjazzjoni b'rabta mal-COVID-19; jenfasizza r-rwol li l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) tista' tiżvolġi b'appoġġ għall-Istati Membri biex itaffu r-riskji ambjentali relatati mat-trasport marittimu u jtejbu s-sostenibbiltà ta' dan is-settur jekk jingħataw aktar riżorsi;
14. Itenni li l-EASA, li hi kklassifikata bħala aġenzija ta' "investment strateġiku Ewropew", fl-2018 ingħatat kompiti ewlenin ġodda sinifikanti fir-rigward taċ-ċibersigurtà fl-avjazzjoni, id-droni u l-mobilità urbana tal-ajru, il-ħarsien tal-ambjent, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali; jitlob, għalhekk, li l-Aġenzija tingħata baġit adegwat sabiex tkun mġhamra bir-riżorsi meħtieġa għall-kompiti tagħha; jissottolinja r-rwol tal-Aġenzija fil-Patt Ekoloġiku permezz tal-ħidma tagħha biex jitjieb l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni, fost l-oħrajn bl-iżvilupp ta' standards ġodda tas-CO₂, il-monitoraġġ tal-prevenzjoni tal-frodi ambjentali, il-kunċett ta' programm ta' Ekotikketta u l-proġett LifeCycle, f'juwils sostenibbli u t-tiġdid ekoloġiku tal-flotot tal-linji tal-ajru;
15. Jenfasizza r-rwol importanti li s-sħubijiet Ewropej jistgħu jiżvolġu biex tingħata spinta

lill-innovazzjoni u r-riċerka u jittejbu l-prestazzjoni u s-sikurezza tas-settur tat-trasport filwaqt li jiġi promoss tnaqqis fl-emissjonijiet tat-trasport abbażi tal-progress teknoloġiku kif ukoll ta' approċċ u regoli bbażati fuq ix-xjenza; jirrimarka li s-šhubijiet previsti għal Orizzont Ewropa, bħal "Batteries", "2Zero" u "Idroġenu Nadif", jistgħu jiżvolġu rwol kruċjali fil-promozzjoni ta' šhubijiet mal-Istati Membri tal-UE, is-settur privat u l-partijiet ikkonċernati relatati kollha, u jistgħu jikkontribwixxu għall-provvista ta' teknoloġiji innovattivi fil-vetturi u għall-iżvilupp tal-politika komprensiva meħtieġa biex tiġi stimolata d-domanda għal vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fl-UE kollha; jitlob, għalhekk, li jiżdiedu l-mezzi finanzjarji disponibbli għall-programm ta' riċerka Orizzont Ewropa;

16. Jenfasizza li r-reviżjoni tal-politika dwar is-self min-naħa tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għandha tippermetti lill-investment privat itejjeb ir-reżiljenza u jaċċelera l-użu ta' teknoloġiji sostenibbli u intelliġenti f'kull mod ta' trasport f'konformità mal-Istrateġija għal Mobilità Intelliġenti u Sostenibbli; jenfasizza wkoll li l-politika dwar is-self riveduta għandha tagħti spinta lill-investment pubbliku u privat f'modi ta' trasport multimodali aktar sostenibbli, bħall-ferrovija, u fit-tiġdid tal-flotta fit-trasport bl-ajru u fuq l-ilma; jilqa' l-intenzjoni tal-BEI li, flimkien mal-awtoritajiet pubbliċi, jappoġġja programmi ta' investment ambizzjużi li jiffavorixxu l-mobilità sostenibbli fil-livell lokali u reġjonali, bħal pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli u proġetti ta' trasport pubbliku;
17. Jilqa' r-rwol tal-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-pjanijiet nazzjonali relatati biex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19, jiġi stimulat l-irkupru fis-setturi tat-trasport u t-turiżmu u jsir progress lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; jenfasizza li l-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jiffukaw fuq oqsma ta' politika bħat-tranżizzjoni ekoloġika, it-trasformazzjoni diġitali, il-koeżjoni ekonomika, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali u territorjali; jinnota l-potenzjal ta' dawn l-oqsma fl-irkupru tas-setturi tat-trasport u t-turiżmu u jissuġġerixxi li l-Faċilità għandha tintuża, fost l-oħrajn, għall-bini tar-reżiljenza tagħhom sabiex jiżdied il-livell ta' tħejjija għall-ġestjoni ta' kriżijiet ta' kobor simili fil-futur; jappoġġja, b'mod partikolari, il-finanzjament tal-infrastruttura tal-iċċarġjar bl-objettiv li jiġu installati 500 000 punt tal-iċċarġjar tal-idroġenu sal-2025 u miljun sal-2030;
18. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza tal-finanzjamenti tal-UE fis-settur tat-trasport; ifakkar li l-investment pubbliku fl-infrastruttura huwa partikolarment sensittiv għall-frodi; jenfasizza l-importanza li jkun garantit proċess ta' sejħa għall-offerti trasparenti u kompetittivi għal proġetti ta' infrastruttura tat-trasport fuq skala kbira ffinanzjati mill-UE.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	25.2.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 -: 3 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Andor Deli, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, João Ferreira, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Dominique Riquet, Dorien Rookmaker, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Clare Daly, Carlo Fidanza, Marianne Vind

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

41	+
ECR	Carlo Fidanza, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
NI	Mario Furore, Dorien Rookmaker
PPE	Magdalena Adamowicz, Andor Deli, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Barbara Thaler, Elissavet Vozemberg-Vrionidi
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Vera Tax, István Ujhelyi, Marianne Vind, Petar Vitanov
The Left	Elena Kountoura
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Tilly Metz

3	-
ECR	Peter Lundgren
The Left	Clare Daly, João Ferreira

5	0
ID	Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Julie Lechanteux, Philippe Olivier, Lucia Vuolo

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni